MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2007

Numru 9/2002

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Mosbah Mohsen Ben Ibrahim**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu appell interpost minn Mosbah Mohsen Ben Ibrahim, permezz ta' rikors prezentat fil-5 ta' Gunju 2006, mis-sentenza tal-Qorti Kriminali moghtija fit-22 ta' Mejju 2006. Dana l-appell hu limitat ghall-piena erogata minn dik il-Qorti.

**2.** Biex wiehed jifhem ahjar x'gara f'dan il-kaz, tajjeb li jinghad li originarjament l-appellant kien akkuzat – skond l-Att ta' Akkuza kif hareg fit-12 ta' Lulju 2002 – bi tmien reati f'daqstant numru ta' kapi separati. Taht l-ewwel kap huwa kien akkuzat b'arrest jew sekwestru aggravat tal-persuna (piena mitluba minn 18-il xahar sa' 4 snin); tieni kap, bi vjolenza u theddid kontra ufficjal pubbliku (6 xhur sa 4 snin); tielet kap, attakk jew resistenza aggravata kontra ufficjal pubbliku (9 xhur sa 3 snin); raba' kap, harba bi ksur (18-il xahar sa 3 snin); hames kap, serq kwalifikat bil-vjolenza numerika, valur, hin u xorta tal-haga misruqa (18-il xahar sa 9 snin); sitt kap, dhul abbuziv f'dar jew lok iehor jew f'recint (mhux aktar minn tliet xhur); seba' kap, pussess ta' arma improprja bil-ponta minghajr id-debita sensja (multa jew prigunerija ta' mhux izjed minn tliet xhur); tmien kap, attakk jew resistenza kontra ufficjal pubbliku (f'cirkostanzi differenti minn dawk tat-tielet kap) (sitt xhur sa tmintax-il xahar). Il-piena mitluba f'kull kap kienet tinkludi wkoll iz-zieda minhabba l-akkuza generali ta' recidiva.

**3.** Gara, pero`, li wara li saret referenza kostituzzjonali[1], il-Qorti Kriminali, b'sentenza preliminari taghha tat-22 ta' Frar 2006, ordnat li jsiru diversi korrezzjonijiet fl-Att ta' Akkuza sabiex l-akkuzat ma jigix iggudikat darbtejn fuq fatti li dwarhom huwa kien diga` ghadda proceduri dixxiplinari fil-habs. B'dawn il-korrezzjonijiet baqghu veljanti biss il-hames, is-sitt, is-seba' u t-tmien kapi tal-Att ta' Akkuza, li gew ri-enumerati wiehed, tnejn, tlieta u erba'. Huwa ta' dawn l-erba' kapi li Mosbah Mohsen Ben Ibrahim ammetta, fl-udjenza tat-22 ta' Mejju 2006, li huwa hati. Huwa nghata mill-ewwel Qorti piena ta' sitt (6) snin prigunerija (li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li huwa ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati minnu ammessi), kif ukoll gie kkundannat ihallas Lm177.20c rapprezentanti kwart[2] ta' l-ispejjez peritali.

[1] Ara s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tal-4 ta' Awissu 2005. Dan jispjega anke d-dewmien

[2] Huwa kien originarjament akkuzat flimkien ma' tliet persuni ohra – Aimen Said Giali el Baden, Ibrahim Ramadan Ghamber Shnisha u Charles Mugliette – in konnessjoni ma' harba mill-Habs u reati kommessi fil-kors ta' dik il-harba u sussegwenti ghaliha.

Biex waslet ghal din il-piena, l-ewwel Qorti ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Semghet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur dwar il-piena;

“Qieset is-sottomissjonijiet **kollha** dwar il-piena maghmula mill-abbli difensur, Dr. Lynn Zahra, li jinsabu kollha registrati w senjatament, <u>imma mhux biss</u>, is-segwenti :-

“Illi kien hemm tlett ragunijiet ghala l-piena kellha tkun sostanzjalment baxxa w cioe`:

1. li kien hemm ammissjoni bikrija w f’dan il-kaz din l-ammissjoni ma setghetx issir qabel minhabba l-eccezzjonijiet anki ta’ indoli kostituzzjonali li riedu jigu decizi u fil-fatt meta dawn gew decizi u gew decizi l-eccezzjonijiet preliminari l-ohra kollha, l-akkuzat mill-ewwel ammetta kif ukoll li f’dan il-kaz l-akkuzat ma kienx inqabad “red handed”;
2. illi wiehed irid joqghod attent biex jevita “disproportion” fis-“sentencing” bejn dak li se jehel il-hati u dak li gew ikkundannati it-tlett persuni l-ohra li kienu involuti fl-istess reati u cioe’ Aimen Said Giali El Baden, Ibrahim Ramadan Amber Shnisha u Charles Mugliette li, skond sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-<u>20 ta’ Mejju, 2002</u> kienu wehlu rispettivament piena ta’ prigunerija ta’ hames snin u erba’ xhur, sitt snin u hames snin; terga’ fil-kaz ta’ dawn kienu nstabu hatja minn dik il-Qorti ta’ aktar delitti milli issa qed jammetti u li nstab hati taghhom il-hati Mohsen li ghalkemm beda bi tmin kapi tal-Att tal-Akkuza issa qed jirrispondi biss ghal erba’ kapi;
3. li dan huwa kaz fejn ghandu jigi applikat l-Artikolu 21 tal-Kodici Kriminali minhabba kif svolgew ruhhom l-affarijiet u bil-fatt li l-Istat iddecieda li jikkastigah tramite l-bord tad-dixxiplina tal-habs fuq reati li huma essenzjalment ta’ natura penali, l-hati qed jigi privat mill-beneficcju li kien ikollu skond l-Artikolu 17(b) dwar konkors tar-reati u pieni.

Dr. Lynn Zahra rriservat ukoll kull azzjoni kostituzzjonali fir-rigward ta’ dan l-ilment pero’ iddikjarat li ma kienitx qed tissolleva tali eccezzjoni f’dan l-istadju.

“Qieset is-sottomissjoni tal-abbli prosekutur u cioe` :-

“Li f’dan il-kaz, bl-applikazzjoni tal-artikolu 17(b) l-hati, ukoll bhala recediv, kien qed jiffaccja piena massima ta’ ghaxar snin prigunerija w fil-waqt li wiehed irid izzomm quddiem ghajnejh il-proporzjon bejn il-pieni erogati li t-tlett persuni msemmija mid-difiza u dik li ser tinghata lill-hati, wiehed ma setax jillimita’ ruhu biss ghal kriterju oggettiv marbut mar-reati minnhom rispettivament kommessi imma wiehed ukoll irid jara l-personalita’ u l-kondotta tad-diversi persuni involuti u jqies ukoll li l-hati kien recediv.

“Ikkunsidrat ;

“Illi l-ewwel wahda mir-ragunijiet li adduciet id-difiza fir-rigward kienet il-fatt li l-hati ammetta fi stadju bikri.

“Issa pero` kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (kolleggjali) fis-sentenza taghha fil-kawza **“Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Mario Camilleri**” [5.7.2002], l-ammissjoni bikrija mhux bilfors jew dejjem, jew b’ xi forma ta’ dritt jew awtomatikament, tissarraf f’riduzzjoni fil-piena.

“Ir-regoli generali li ghandhom jiggwidaw lill-qrati meta jkun hemm ammissjoni gew imfissra mill-Qorti Kriminali fis-sentenza preliminari taghha “**Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Nicholas Azzopardi**”, [24.2.1997]; u mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **“Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**”, [17.7.2002]. F’din l-ahhar sentenza dik il-Qorti kienet irriproduciet il-bran segwenti mill-**BLACKSTONE’S CRIMINAL PRACTICE** , (Blackstone Press Limited – 2001 edit. ecc.) :-

**““Although this principle [that the length of a prison sentence is normally reduced in the light of a plea of guilty] is very well established , the extent of the appropriate “discount” has never been fixed. In *Buffery* ( [1992] 14 Cr. App. R. (S) 511) Lord Taylor CJ**

**indicated that "something in the order of one-third would very often be an appropriate discount", but much depends on the facts of the case and the timeliness of the plea. In determining the extent of the discount the court may have regard to the strength of the case against the offender . An offender who voluntarily surrenders himself to the police and admits a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount. (*Hoult* (1990) 12 Cr. App. R. (S) 180; *Claydon* (1993) 15 Cr. App. R. (S) 526 ) and so may an offender who , as well as pleading guilty himself , has given evidence against a co-accused (*Wood* [1997] 1 Cr. App. R. (S) 347 ) and/or given significant help to the authorities ( *Guy* [1992] 2 Cr. App. R. (S) 24 ). Where an offender has been caught red handed and a guilty plea is inevitable , any discount may be reduced or lost (*Morris* [1998] 10 Cr. App. R. (S) 216; *Landy* [1995] 16 Cr. App. R. (S) 908 ) . Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons , such as where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage (*Hollington* [1985] 85 Cr. App. R. 281; *Okee* [1998] 2 Cr. App. R. (S) 199.) Similarily , some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty but adduces a version of the facts at odds with that put forward by the prosecution , requiring the court to conduct an inquiry into the facts (*Williams* [1990] 12 Cr. App. R. (S) 415.) The leading case in this area is *Costen* [1989] 11 Cr. App. R. (S) 182 , where the Court of Appeal confirmed that the discount may be lost in any of the following circumstances : (i) <u>where the protection of the public made it necessary that a long sentence , possibly the maximum sentence, be passed;</u> (ii) cases of 'tactical plea' , where the offender delayed his plea until the final moment in a case where he could not hope to put up much of a defence , and (iii) <u>where the offender has been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain ….."</u>** (sottolinear ta' din il-Qorti).

"Illi f'dan il-kaz almenu fi tlieta mir-reati ammessi mill-hati w cioe` dawk ta' attakk u resistenza, dhul abbuzziv go appartament ta' Hal-Ferh Holiday Complex u l-pussess ta' arma, dawn kollha gew kommessi fil-presenza tal-Pulizija w ghalhekk fil-kaz taghhom wiehed jista' jghid li l-hati kien inqabad "red handed".

"Illi inoltre meta l-Qorti rat il-fedina penali tal-hati esebita fil-process a fol. 17 et seq., sabet li minnha jirrizulta li l-hati diga` nstab hati mill-Qrati ta' harba mill-habs, serq ta' vettura, tentattiv ta' serq aggravat u serq ta' petrol u gie kkundannat ghall-sitt xhur prigunerija, fit-tieni lok gie misjub hati t'omicidju volontarju ta' erba' persuni f' okkazzjonijiet separati, sekwestru tal-persuna, serq aggravat, minn fuq l-istess persuni li qatel,  pussess ta' passaport falz u armi tan-nar u arma li taqta' w bil-ponta bla licenzja w gie kundannat ghall-prigunerija ghall-ghomru. B'sentenza ohra, instab hati li harab mill-habs, ghamel danni volontarji fil-habs u sar recidiv u gie kundannat ghal tlettax il-xahar habs;

"Ikkunsidrat;

"Illi dan hu kaz manifest fejn il-hati, li diga ikkommetta erba' omicidji volontarji apparti r-reati l-ohra gravi fuq elenkati, u li diga` harab mill-habs tlitt darbiet, huwa ta' minaccja serja ghas-socjeta` Maltija w dan zgur illi jaghmilha necessarja li tinghata sentenza ta' tul sostanzjali fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata.

"Illi t-tieni raguni dedotta mill-hati ghat-tnaqqis mill-piena hija dik li m'ghandux ikun hemm nuqqas ta' proporzjon fil-pieni li jinghataw lit-tlett persuni li fil-bidu kienu ko-akkuzati mall-hati.

"Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali citata mid-difiza w ikkonstatat illi El Baden kien gie misjub hati ta' tmin akkuzi mid-disgha akkuzi li kien mixli bihom originarjament, Shnishah kien instab hati ta' tmin imputazzjonijiet mill-ghaxra originali dedotti kontra tieghu, filwaqt li Charles Mugliette li kien instab hati ta' ghaxar akkuzi kien appella biss fuq il-piena. Effettivament

il-piena ta’ El Baden kienet tnaqqset ghal wahda ta’ hames snin u erba’ xhur minflok wahda ta’ seba’ snin, dik ta’ Shnishah tnaqqset minn wahda ta’ sebgha snin ghal wahda ta’ sitt snin u dik ta’ Mugliette tnaqqset minn dik ta’ wahda ta’ seba’ snin ghal dik ta’ wahda ta’ hames snin.

“Il-Qorti ser izzomm dan f’mohhha meta tigi biex tikkalibra l-piena tal-hati li quddiem din il-Qorti irid jirrispondi biss ta’ erba’ kapi.

“It-tielet konsiderazzjoni tirrigwarda t-talba tad-difiza ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 21 tal-Kodici Kriminali biex tinghata piena anqas mill-minimu.

“Frankament din il-Qorti, wara li qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur, ma tarax kif l-argumenti minnha prezentati jistghu iwasslu ghal dan il-beneficcju fid-dawl tal-interpretazzjoni li l-gurisprudenza dejjem tat lill-Artikolu 21. Ic-cirkostanzi msemmija mid-difiza mhumix cirkostanzi specjali u straordinarji li jiggustifikaw li tinghata piena izghar minn dak stabbilit mill-Ligi.

“Qieset illi l-hati jista’ jigi sentenzjat ghall-piena massima ta’ ghaxar snin prigunerija , bl-applikazzjoni tal-artikolu 17 (b) tal-Kodici Kriminali.”

**4.** Id-difensuri tal-partijiet – Dott. Lynn Zahra ghall-appellant u l-Assistent Avukat Generali Dott. Anthony Barbara ghall-Avukat Generali – ittrattaw l-appell fl-14 ta’ Dicembru 2006.

**5.** L-appellant ghandu sitt aggravji, kollha marbuta mal-piena u ma’ dak li huwa jqis li hija disparita` li ma kellhiex tkun bejn il-piena li nghata huwa u l-piena jew pieni li nghataw lil dawk li kienu originarjament ko-akkuzati mieghu – el Baden, Shnisha u Mugliette – bis-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) tal-20 ta’ Mejju 2002 (u li tissemma’ wkoll fis-sentenza appellata, *vide supra*). Dawn l-aggravji jistghu jigu sintetizzati hekk:

i. Permezz tal-piena erogata fil-konfront ta’ l-appellant gie evitat ir-“rimedju kostituzzjonali” li huwa kien

kiseb meta gie deciz (mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Awissu 2005 u, konformement ma' dik id-decizjoni, mill-istess Qorti Kriminali fis-sentenza preliminari taghha tat-22 ta' Frar 2006) li l-ewwel erba' kapi tal-Att ta' Akkuza kif originarjament propost kellhom itiru;

ii. Li f'dan il-kaz kien hemm lok tal-applikazzjoni tal-Artkolu 21 tal-Kodici Kriminali ghax meta huwa gie "processat" dwar certi fatti skond il-procedura dixxiplinari interna tal-habs huwa gie li tilef il-beneficcju ta' l-applikazzjoni tal-Artikolu 17(b) tal-Kap. 9; skond l-appellant, l-"ingustizzja" li saret mieghu meta huwa gie "processat" dwar reati dixxiplinari minghajr assistenza legali kellha tigi rimedjata mill-Qorti Kriminali proprju bl-applikazzjoni tal-Artikolu 21;

iii. Li il-piena f'dan il-kaz kienet wahda eccessiva meta mqabbla ma' pieni ohra li huwa kien inghata ghal harbiet ohra mill-habs kif ukoll mal-piena li nghata Aimen el Baden bis-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) tal-20 ta' Mejju 2002;

iv. Li l-piena li nghata fis-sentenza appellata "ma kellhiex tinkludi kastig…ghax l-appellant kien wettaq erba' omicidji ghoxrin sena qabel";

v. Li m'ghandhiex tinghata sentenza fit-tul minhabba xi "public outcry" ghax hu kien ikkommetta omicidji snin qabel; u

vi. Li fi kwalunkwe kaz huwa kellu jinghata "discount" akbar milli effettivament inghata ghall-ammissjoni bikrija tieghu ghax ma kienx minnu li huwa inqabad "red-handed" kif qalet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, u ghax hu kien lest li jitlob ix-xoljiment tal-guri – haga li giet evitata bl-ammissjoni tieghu – appena xi xhud fil-guri jsemmi li hu (cioe` l-appellant) kien prigunier fil-habs.

**6.** Ezaminati l-atti kollha tal-kawza, din il-Qorti ma tezitax tikkwalifika dawna l-aggravji bhala mhux biss infondati izda xi whud minnhom altament fieragh. Jibda biex jinghad li mhux kontestat li l-piena erogata mill-ewwel Qorti ta' sitt snin prigunerija kienet entro l-parametri tal-ligi, u li l-massimu li l-appellant seta' jinghata kien ta' ghaxar snin prigunerija. Kwantu ghall-ewwel aggravju, ir-"rimedju kostituzzjonali" mitlub u effettivament miksub mill-

appellant odjern kien li huwa ma kellux jigi processat ghat-tieni darba fuq fatti li dwarhom huwa kien gja` ghadda proceduri ta' dixxiplina. U hekk sar. Xejn fid-decizjoni tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tal-4 ta' Awissu 2005 ma kienet tincidi, direttament jew indirettament, fuq il-piena li huwa seta' u kellu jinghata ghal dawk ir-reati, bbazati fuq fatti ohra, li dwarhom huwa seta' eventwalment jinstab hati jew li taghhom huwa seta' jammetti l-htija (kif effettivament ghamel). Dik il-piena kellha tigi stabbilita wara li l-Qorti Kriminali tiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi evidentement anke l-antecedenti tal-gudikabbli. Huwa veru li mis-sentenza tal-Prim Awla kif ukoll mid-deposizzjoni tad-Direttur tal-Habs moghtija quddiem il-Qorti Istruttorja fl-10 ta' Jannar 2001 (ara fol. 545 sa 548, u dokument a fol. 549) jirrizulta li ghal dawk il-fatti li dwarhom l-appellant ghadda proceduri ta' dixxiplina huwa tilef 1,930 jum *remission* (kif ukoll gie konfinat fic-cella ghal numru ta' granet – *cell confinement*, konfinament, pero`, li gie sospiz mid-Direttur), pero` bhalma tali *remission* tista' tintilef hekk ukoll tista' tigi riakkwistata permezz ta' mgieba tajba. U dan apparti li din il-Qorti difficilment tista' tifhem kif l-appellant seta' nghata *loss of remission* meta s-sistema ta' *remission* ma tapplikax ghal min, bhall-appellant, ikun qed jiskonta piena ta' ghomor prigunerija (ara r-Regolament 14(4) tar-Regolamenti dwar il-Habs). Ghalhekk ma kien hemm ebda "raggir" tar-rimedju kostituzzjonali, kif qed jilmenta l-appellant.

**7.** It-tieni aggravju huwa wiehed fieragh. L-appellant qed jippretendi li kieku huwa gie processat mill-Qorti Kriminali fuq il-fatti li kienu jirrientraw fl-ewwel erba' kapi tal-Att ta' Akkuza kif originarjament propost mill-Avukat Generali, huwa kien jibbenefika mill-konkors tar-reati u tal-pieni kif kontemplat fl-Artikolu 17(b) tal-Kodici Kriminali. Peress li jqis li allura saret "ingustizzja" mieghu ghax il-proceduri marru quddiem zewg *fora* differenti, huwa qed jippretendi li tali ingustizzja kellha tigi rimedjata bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 21 tal-Kodici Kriminali. Din il-Qorti ssibha difficli tifhem ir-ragunament kontort tal-appellant. Apparti dak li diga` nghad dwar il-*forfeiture of remission* u cioe` li tali *remission* tista' tigi riakkwistata (u dan a differenza ta'

sentenza tal-Qorti li tkun ghaddiet in gudikat li ma tistax titnaqqas), u apparti li dana l-aggravju donnu jimplika li l-appellant kien preparat li jammetti wkoll ir-reati li bihom kien akkuzat f'dawk il-kapi tal-Att ta' Akkuza li thassru, kieku baqghu fis-sehh l-ewwel erba' kapi kif originarjament proposti mill-Avukat Generali, kien ifisser li l-piena massima applikabbli kienet tkun ferm oghla minn ghaxar snin prigunerija! Pero` hemm raguni ohra ghala dana l-artikolu – l-Artikolu 21 tal-Kap. 9 – ma hux applikabbli f'dan il-kaz: din il-Qorti ma tistax tara f'dan il-kaz xi ragunijiet (fil-plural) specjali u straordinarji marbuta mal-kommissjoni tar-reati li taghhom l-appellant ammetta l-htija jew marbuta ma' l-applikazzjoni tal-piena fir-rigward ta' l-appellant li jistghu mqar remotament jiggustifikaw inzul taht l-oghla minimu applikabbli f'dan il-kaz, li huwa ta' tmintax-il xahar prigunerija.

**8.** Anqas ma tara din il-qorti xi nuqqas ta' proporzjonalita` fil-piena erogata. Huwa veru li dawk li kienu originarjament ko-akkuzati ma' l-appellant (u li nstabu hatja ta' aktar akkuzi mill-appellant) inghataw (minn gudikant iehor u wara li appellaw anke mis-sejbien ta' htija) piena anqas mill-appellant. Kif jinghad fi **Blackstone's Criminal Practice 2004** [3]:

**"Most cases of disparity arise out of co-offenders being sentenced by different judges on different occasions. Where, however, co-offenders are dealt with together by the same judge, the court may be more willing to allow an appeal on the basis of disparity. The question then is whether the offender who has been sentenced more heavily has been left with 'an understandable and burning sense of grievance' (*Dickinson* [1977] Crim LR 303). If he has, the Court of Appeal will at least consider reducing the sentence. Even so, the prime question remains one of whether the appealed sentence was in itself too severe. Thus, in *Nooy* (1982) 4 Cr App R (S) 308, appeals against terms of 18 months and nine months imposed on N and S at the same time as their almost**

[3] O.U.P. para D23.49, pp. 1697-1698.

**equally culpable co-offenders received three months were dismissed. Lawton LJ said:**

**““There is authority for saying that if a disparity of sentence is such that appellants have a grievance, that is a factor to be taken into account. Undoubtedly, it is a factor to be taken into account, but the important factor for the court to consider is whether the sentences which were in fact passed were the right sentences.”**

**“Should other offenders dealt with at roughly the same time as an appellant in the same Crown Court have received more lenient sentences for comparable offences, that fact can never be relied on as a ground of appeal (*Large* (1981) 3 Cr App R (S) 80). In that case, L had been sentenced to 12 years' imprisonment for armed robbery. On appeal the defence sought to argue that the sentence was markedly more severe than those which had been imposed by another judge on comparable offenders. Griffiths LJ said: ‘This court declines to entertain such a submission…If, when individual sentences are being considered, it was permissible for counsel to analyse sentences passed by other judges on other occasions for other offences the work of this court would come to a standstill.'”**

**9.** Ghalhekk din il-Qorti trid, l-ewwel u qabel kollox, tistaqsi lilha nnifisha: il-piena erogata fil-konfront tal-appellant odjern kienet “the right sentence”, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-antecedenti tieghu – fosthom il-fatt li l-appellant qed jiskonta piena ta' prigunerija ghal ghomru ghal erba' omicidji? Ir-risposta ghal dan il-kwizit hija fl-affermattiv. Id-disparita` bejn is-sentenza moghtija lill-appellant u dik moghtija lil dawk li kienu originarjament ko-akkuzati mieghu ma hix tali, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li tiggustifika lil din il-Qorti li tvarja dik is-sentenza.

**10.** Anqas ma hu korrett l-appellant meta, fir-raba' aggravju tieghu, jilmenta li bil-piena li nghata hu qed jigi

kkastigat, jew jerga' jigi kkastigat, ghall-omicidji tal-1988. Dak li il-Qorti Kriminali ghamlet – u kien perfettament legittimu ghall-ewwel Qorti li taghmel hekk – kien li tqis ossia taghmel *assessment* ta' jekk il-protezzjoni tal-pubbliku f'dan il-kaz kenitx tirrikjedi piena aktar lejn il-massimu milli lejn il-minimu ta' dik applikabbli. Hija rat il-fedina penali tal-akkuzat – biz-zewg harbiet precedenti mill-habs, apparti l-erba' omicidji – u dehrilha li kellha aktar ixxaqleb lejn il-massimu. F'dan din il-Qorti la tirravviza vjolazzjoni tar-regola tan-*ne bis in idem*, u anqas xi sproporzjon fil-ghoti tas-sentenza. L-ewwel Qorti, bhalma kieku kienet tikkunsidra sottomissjoni li l-hati kien *first time offender* u li ma kienx ta' perikolu ghas-socjeta`, f'dan il-kaz ikkunsidrat l-antecedenti xejn sbieh tieghu, u erogat piena li b'ebda mod wiehed ma jista' jikkwalifikaha bhala *manifestly excessive* jew *disproportionate*. Ghalhekk anke dana l-aggravju qed jigi respint. Ghall-istess ragunijiet esposti f'dan il-paragrafu, anke l-hames aggravju qed jigi respint.

**11.** Kwantu ghas-sitt aggravju, dana wkoll huwa manifestament infondat, u razenti l-fieragh. Donnu l-appellant irid jghid li ghamel xi pjacir kbir lill-Qorti li ammetta ghax kieku sar il-guri u xhud biss lissen li huwa kien prigunier fil-habs meta kkommetta r-reati li taghhom kien qed jigi akkuzat, allura huwa kien jitlob b'success ix-xoljiment tal-guri. Din il-Qorti tillimita ruhha biex tghid – ghax il-kaz odjern ma jirrikjedix li jinghad aktar – illi meta l-ligi tghid li lill-gurati m'ghandhomx jigu zvelati l-antecedenti penali tal-akkuzat, dan hu hekk biss meta dawn l-antecedenti jkunu rrelevanti ghad-determinazzjoni, da parti tal-gurati, tal-htija ta' l-akkuzat – dan hu, infatti, s-sens wara l-Artikolu 489 tal-Kodici Kriminali – u meta dawn ikunu jistghu ragjonevolment hekk jinzammu mill-gurati. Bizzejjed wiehed jaccenna ghall-ipotesi – li setghet avverat ruhha f'dan il-kaz – ta' pulizija li jarresta lil xi hadd ghax dan ikun mahrub mill-habs. Wiehed ma jistax jippretendi li l-pulizija, minn fuq il-pedana tax-xhieda, ma jghidx ghala arresta lil dik il-persuna – altrimenti jkun jidher li l-arrest kien wiehed arbitrarju u illegali. L-istess jekk persuna hebbet ghal persuna ohra wara li din bdiet tghajjar lill-ewwel wahda bl-antecedenti penali taghha – kif

jista’ l-element provokatorju jinzamm mill-gurati f’kaz bhal dan? Fi kliem iehor l-appellant, f’dana l-aggravju, qed juri li m’ghandux idea tal-ligi. Kwantu ghad-*discount* minhabba l-ammissjoni bikrija, din il-Qorti taqbel mal-valutazzjoni maghmula mill-Qorti Kriminali.

**12.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------